MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2011

Numru. 446/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Clyde Cutajar**

Kumpilazzjoni Nru: 446/2011

Illum, 15 ta’ Gunju 2011

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Clyde Cutajar, iben Renald u Charmaine nee’ Zaffarese, imwieled Pieta’ fil-05 ta’ Gunju, 1992 u residenti fil-fond Flat Nru 9, Blokk Nru 12, Sqaq il-Kuncizzjoni Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 281792(M).

Akkuzat talli fil-5 ta’ Settembru, 2009 ghal habta tas-6:00 ta’ filghaxija, filwaqt li kien quddiem l-Ghasa ta’ Bormla, ikkawza griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Nazzaareno Abela minn l-Isla, liema ferita ggib debbulizza permanenti fis-sahha u fil-funzjoni ta’ xi parti tal-gisem; jew difett permanenti f’ parti tal-ghamla tal-gisem, skond kif iccertifikat minn Dr Jesmond Cassar MD mic-Centri tas-Sahha ta’ Rahal Gdid.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lil imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma relattivament semplici fis-sens li jirrizultaw ampjament u ftit li xejn hemm kontestazzjoni dwarhom. Jirrizulta li fil-gurnata in kwistjoni nqalat glieda bejn certu Silvio Roberts (ziju ta’l-imputat) u l-parte leza odjerna Nazzareno Abela; l-imputat kien xhud ghal dan l-incident. Wara dan l-incident l-imputat, missieru u Roberts marru l-ghassa tal-Pulizija ta’ Bormla biex jaghmlu rapport; hekk kif waslu huma, wasal ukoll Nazzareno Abela flimkien ma’ missieru (li jismu Nazzareno Abela ukoll). Inqala battibekk bejn Nazzareno Abela (l-parte leza odjerna) u t-tlieta l-ohra; l-imputat resaq fuq Abela li kien ghadu fil-vettura ta’ missieru. Malli gie vicin il-vettura l-imputat u Abela gew f’l-idejn fis-sens li l-imputat (wara moviment da parti ta’ Abela) ta’ daqqa ta’ ponn lil Abela f’wiccu. Dan kollu gara fi ftit sekondi tant li lahqu hargu pulizija mill-ghassa u ferrqu lill-persuni imsemmija.

Illi bhala rizultat tad-daqqa ta’ ponn l-imputat kisser zewg sinniet f’halq l-imputat. L-imputat diga ghamel tajjeb ghad-

danni sofferti minn Abela b'mod li dan diga ha mizuri rimedjali ghand dentist a spejjez ta'l-imputat.

Illi ghandu jigirilevat li waqt li kien qed jixhed Abela ddikjara li huwa hafer lill-imputat, m'ghandu l-ebda interess fi proceduri kontra l-imputat u m'ghandu l-ebda pretensjoni ulterjuri fil-konfront ta' l-imputat.

Ikkunsidrat

Illi ma'l-eghluq tal-provi da parti ta'l-ufficjal prosekutur il-Qorti trid tezamina l-provi prodotti biex tara jekk hemmx provi bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza b'referenza ghall-imputazzjoni lilu addebietata ai termini tac-citazzjoni.

Illi ezami tal-provi prodotti m'hemm l-ebda dubbju li l-imputat hebb ghal Abela u ghamillu offiza; dak li jrid jigi determinat huwa jekk din l-offiza hija wahda li taqa' fit-termini ta' dak predispost f'l-artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif diga ntqal dak li effettivament soffra Abela kien it-telf ta' zewg sinniet; dan gie klassifikat mit-tabib li ezamina lil Abela bhala offiza ta' natura gravi minhabba sfegju fil-wicc.

Illi pero l-konkluzzjoni ahharrija dwar in-natura jew klassifikazzjoni tal-griehi sofferti minn xi persuna, ghall-skopijiet ta' proceduri kriminali, tispetta lill-gudikant u mhux lit-tobba li jkunu ezaminaw lill-persuna koncernata, b'mod li l-Qorti tista tasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik tat-tobba. Dan il-principju gie affermat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza Pulizija vs Francis Dingli (deciza 12.09.1996); hemm gie stabbilit li

*ghall-finijiet ta'l-artikolu 216 jekk hemmx sfegju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti.*

Illi ghalhekk, fil-kaz in ezami, jispetta lil din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni dwar in-natura tal-griehi sofferti minn Abela.

Illi dwar it-telf ta' snin il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ukoll kellha l-opportunita tippronunzja ruhha. Fil-kawza Pulizija vs Paul Spagnol (deciza ukoll 12.09.1996) il-Qorti qalet hekk:

*Huwa veru li s-snin mhux parti mill-wicc ghalkemm it-telf ta' hafna snin jista' jgib kemm sfegju kif ukoll mankament minhabba l-effett li jistghu jhallu fuq il-wicc u specjalment fuq ir-regjun tal-halq.*

A kontrarju sensu jekk t-telf tas-snin ma jhalli l-ebda effett fuq il-wicc allura wiehed ghandu jikkonkludi li f'dak il-kaz ma jkunx hemm offiza ta' natura gravi.

Illi ghalhekk, fil-kaz in ezami, biex wiehed jiddeciedi jekk l-offiza fuq Abela kienitx wahda gravi jew ta' xorta ohra bil-fors ghandu jhares lejn x'effett halliet din l-offiza (it-telf ta' zewg sinniet) fuq wicc Abela. F'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li meta xehed Abela hu kien diga rrimedja ghat-telf ta' dawn iz-zewg sinniet b'mod li l-Qorti ma setghetx tikkonstata hi x'effett seta' kellu fuq id-dehra ta' wiccu it-telf ta' dawn iz-zewg sinniet; lanqas ma gew esebitixi ritratti ta' Abela qabel ma ha l-azzjoni rimedjali ghand dentist.

Illi fil-kaz fuq kwotat Pulizija vs Paul Spangol il-Qorti ta'l-Appell Kriminali sabet ruhha f'l-istess pozizzjoni ta' din il-Qorti fil-kawza odjerna tant li dik il-Qorti (ta' l-Appell Kriminali) qalet hekk:

*Ma gie esebiet ebda ritratt li juri l-offiza li garrab …. u ghalhekk din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni a bazi tal-principji legali fuq espost li l-offiza li garrab gabet mankament jew sfegju fil-wicc u ghalhekk din il-Qorti …. ikollha tikkonkludi li l-offieza kienet wahda hafifa.*

Illi tenut kont ta' dan l-insenjament u tenut kont tal-fatt li ma tirrizulta l-ebda wahda mic-cirkostanzi l-ohra elenkati

f'l-artikolu 216 din il-Qorti ukoll ikollha tikkonkludi li l-offiza sofferta minn Nazareno Abela fil-kawza odjerna kienet wahda ta' natura hafifa.

Ikkunsidrat

Illi ai termini ta'l-artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-offiza hafifa tikkomporta piena ta' prigunerija ta' mhux aktar minn tlett xhur jew multa. Dan ifisser li r-reat li qed jirrizulta mill-provi prodotti huwa wiehed ta' kompetenza tal-Qorti ta' Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Illi l-artikolu 403 tal-Kapitolu 9 jipprovdi li:
*(1) Jekk, meta tinghalaq il-kompilazzjoni, il-qorti (struttorja) jkun jidhrilha li r-reat mhux ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali, izda ta'kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala qorti ta' gudikatura kriminali u li dwaru ma hemmx htiega ta' kwerela tal-parti offiza, il-qorti li mexxiet il-kompilazzjoni ghandha taghti s-sentenza fuq ir-reat skond l-artikolu 377…*
*(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tghodd ukoll kemm il darba r-reat ikun wiehed li ghalih it-tmexxija ta' l-azzjoni tmiss lill-parti offiza, u din ma tidhirx biex tirrinunzja ghall-azzjoni.*
Illi la darba mill-provi prodotti qed jirrizulta li l-offiza sofferta minn Nazzareno Abela hija wahda ta'natura hafifa u li konsegwentement ir-reat in ezami huwa wiehed ta'kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ai termini ta'l-artikolu 403 fuq kwotat din il-Qorti ghandha taghddi biex taghti sentenza fuq dan ir-reat.

Illi fattur importanti ghal dan il-ghan huwa r-rinunzja ghall-azzjoni kriminali da parti ta' Nazzareno Abela li waqt id-depozizzjoni tieghu ddikjara li huwa kien hafer lill-imputat u li ma kellu l-ebda interess f' dawn il-proceduri.

Illi ai termini ta'l-artikolu 221 l-azzjoni f'kaz ta' offiza hafifa hija prosegwibbli bil-kwerela tal-parti offiza; la darba l-parte offiza fil-kaz in ezami dehret u rrinunzjat ghall-

azzjoni fil-konfront ta'l-imputat l-procediment fil-konfront ta'l-imputat huwa ezawriet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 403 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li r-reat in kwsitjoni huwa wiehed ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u prosegwibbli fuq kwerela tal-parti offiza  u in vista tar-rinunzja tal-parti offiza ghall-azzjoni kriminali tiddikjara l-procediment ezawriet.

Il-Qorti tordna li l-atti flimkien mas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien mghoti fil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------